# F'Għeluq il-MITT SENA Mid-Dehriet tal-Madonna ta' Fatima u d-devozzjoni LejHa fil-Parroċċa tagħna.

Jikteb Mario Formosa Holt

Kienet ir-Rebbiegħa ta' l-1916. Tliet itfal żgħar qed jirgħu l-merħla tagħhom ġewwa Loca de Cabeco ftit l bogħod minn Fatima ġewwa l-Portugal. Dawn kienu Lucija dos Santos ta' disa snin u l-kuġini tagħha Gaċinta u Francesco Marto ta' sitta u tmien snin rispettivament. Ħin bla waqt huma kellhom dehra ta' żagħżugħ ta' xi erbatax il-sena "jgħammex iżjed mill-ħġieġ trasparenti bir-raġġi tax-xemx ġo fih." Hu sejjaħ lilu nnifsu bħala l-Anġlu tal-Paċi. Hu stedinhom biex jitolbu flimkien miegħu. Dan il-fenomenui rrepta ruħhu darbtejn oħra sa tmiem Settembru ta' wara.

Din li esperjenzaw dawn it-tliett itfal dakinhar, kienet biss togħma żgħira ta' dak l-avveniment wisq

*Il-kappillan Inguanez jaqra diskors meta waslet l-istatwa Tal-Madonna ta' Fatima, l-ewwel waħda f'pajjiżna*



akbar li huma kienu xhieda tiegħu u li seħħ sena wara. Kien il-Ħadd 13 ta' Mejju 1917 meta dawn it-tliet rgħajja ckejknin kellhom l-ewwel dehra ta' dik is-Sinjura tas-Sema, liema dehriet baqgħu jirrepetu ruħħom darba fix-xahar sa Ottubru ta' wara. F'din l-aħħar dehra sehhew fenomeni sopranaturali u finalment il-Madonna stqarret li kienet is-Sinjura tar-Rużarju Mqaddes.

Ġewwa Fatima, mitt sena ilu, kellna konferma oħra jekk kien bżonn, kemm il-Madonna għadha taqdi l- missjoni tagħha ta' Omm Ħanina tagħna lkoll. Dejjem jibqgħu attwali kliem Sidna Ġesù Kristu fuq is-Salib: "Mara hawn hu ibnek" u "Hawn Hi Ommok". Fil-fatt il-Marjologu Patri Mannes Ghizzardi jgħid li seħħew madwar 1000 dehra oħra tal-Madonna filwaqt li t-Teologu Franċiz Rene' Lauretin jelenka 1800 dehra oħra tal-Madonna.

Intant l-aħwa Marto mietu ta' età żgħira ħafna. Franġisku miet fl-4 ta' April 1919, filwaqt li oħtu Gaċinta mietet nhar l-20 ta' Frar tas-sena ta' wara. Huma ġew ibbeatifikati minn San Ġwann Pawlu II nhar it-13 ta' Marzu 2000. Il-Papa Franġisku, aktar kmiemi din is-sena, iddekjarhom Qaddisin. Lucija dos Santos għexet għal ħafna aktar żmien. Fil-fatt hija mietet nhar it-13 ta' Frar 205, fl-età ta' sebgħa-u-disigħin sena li minnhom qattgħet l-aħħar sittin sena bħala soru Karmelitana bl-isem ta' Suor Marija Luċija tal-Qalb Immakulata. Propju ftit żmien ilu l-Isqfijiet Portugiżi ppreżentaw mal-15,000 paġna ta' xhieda dwar il-ħajja tagħha u għandha sservo sabiex tinfetaħ il-kawża tal-beatifikazzjoni tagħha.

Dawn id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima ġew approvati uffiċjalment mill-Isqof tal-post fl-1930. Minn dak iż-żmien 'l quddiem din id-devozzjoni Marjana ħarġet lil hinn mill-Portugal u xterdet ma' kull rokna tad-dinja. L-akbar spinta din id-devozzjoni ħaditha mat-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija fejn allura waslet ukoll f'pajjiżna. Insibu li fl-1945 il-Patrijiet Dumnikani bdew il-bini tal-kunvent tagħhom fi Ġwardamangia ddedikata propju lil Sidtna Marija tar-Rużarju Mqaddes ta' Fatima u li saret parroċċa fl-1968.

**Il-Bidu tad-Devozzjoni fil-Parroċċa tagħna**

Kien fl-1948 meta wieħed mill-parruċċani tal-



*L-istatwa ta' Fatima dieħla fix-Xatt*

parroċċa ta' Stella Maris, is-Sur Edward Frendo, xprunat minn din id-devozzjoni Marjana ordna statwa tal-Madonna mdawra bit-tliet itfal. Il-ħsieb kien li jagħti din l-istess statwa lill-Parroċċa u b'hekk mhux biss tikber din id-devozzjoni lejn il-Madonna iżda wkoll f'Mejju ta' kull sena ssirlha festa xierqa. Din ix-xbieha nħadmet mill-istatwarju M.Galea mill-Ħamrun u bl-induratura b'kollox dak iż-żmien ġiet tiswa mija u ħamsin lira. Irridu ngħidu li din l-istatwa kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fil-gzejjer tagħna. Kien għalhekk li ġie maħsub sabiex l-istess statwa titwassal fil-Knisja ta' Stella Maris bl-aktar mod xieraq u dinjituż.

Kien nhar is-Sibt 5 ta' Ġunju 1948 meta l-yacht Maria Loreta trakka x-Xatt ta' Tas-Sliema u abbord kellu fuqu l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima. Id-dalma ta' dik il-lejla tar-rebbiegħa ġiet mibdula f'Festa ta' dawl mixgħula mid-diversi vapuri tar-Royal Navy sorġuti fil-port ta' Marsamxett. Irridu ngħidu li dan il-yacht kien ġie misluf minn kopja ngliża li aktar tard ikkonvertit għar-Reliġjon Kattolika.

Malli l-istatwa tal-Madonna tniżżlet l-art beda pellegrinaġġ "aux flambeaux" li fih ħadu sehem il-Bot Scouts, Is-salesian Boys Brigade, membri tal-Legion of Mary flimkien naturalment mall-Kleru tal-Parroċċa mmexxi mill-Kappillan Dun Ġużepp Inguanez flimkien ma' Mons F.X. Fenech Prefett Apostoliku ta' Jhansi fl-Indja u folla kbira ta' devoti. Il-Korteo tela minn Triq it-Torri, għal Fond Għadir u `l fuq minn Triq Amery. F'tarf Triq Amery kważi biswit il-Knisja sar diskors mill-Kappillan Inguanez u wara ngħatat il-Barka Sagramentali. Fit-Tmiem Mons. Fenech intona Te Deum bħala radd ` l ħajr lil Alla ta' din il-Manifestazzjoni Marjana mill-isbaħ.



*Il-purċissjoni ta' Fatima fl-imgħoddi*

F'artiklu ppublikat f'Leħen is-Sewwa nhar id-19 ta' Awwissu 1978, Mons. Ġużeppi Inguanez iddeskriva din il-ġrajja bħala "l-highlight ta' l-istorja reliġjuża ta' Tas-Sliema in ġenerali u ta' Stella Maris b'mod speċjali fil-perjodu ta' wara l-aħħar gwerra dinjija."

Minn dakinhar nistgħu ngħidu li d-devozzjoni lejn il-Madonna ta' Fatima ma waqfet qatt. Ix-xbieha tal-Madonna baqgħet dejjem toħroġ proċessjonalment ġeneralment fl-aħħar Sibt ta' Mejju, għalkemm illum il-ġurnata nbidlet Irridu ngħidu li l-purċissjoni fl-imgħoddi kienet issir b'aktar solennità għalkemm id-devozzjoni qatt ma naqset. Fil-bidu tagħha kienu jimmarċjaw il-Boy scouts. Kienu jakkumpanjaw ukoll il-fratelli tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament, l-imsieħba tas-Servi ta' Marija flimkien ma' l-abbatini u l-kleru tal-Parroċċa.

Folla mdaqqsa ta' devoti kienet timxi wara x-xbieha tal-Madonna imdawra bit-tliet itfal umżejna b'għadd ġmielu ta' fjuri. Naturalment fit-triq kienet tingħad bl-aktar devozzjoni t-talba sabiħa tar-Rużarju Mqaddes. Il-purċissjoni wara li titlaq mill-Knisja kienet tinżel Triq Stella Maris, tikser għal Triq Windsor u taqbad it-telgħa għal fuq minn New Street(illum Triq Sir Arturo Mercieca). Hawnhekk peress li f'din it-Triq kienu jgħixu wħud min-nies l-aktar attivi fil-Parroċċa, fosthom l-istess Sur Edward Frendo, il-purċissjoni kienet timxi b'mod iżjed kajman u devozzjonali. Kienu anke jintefgħu

*L-istatwa tal-Madonna ta' Fatima hija u dieħla l-ewwel darba*



fjuri fuq l-Istatwa tal-Madonna u xi wħud mir-residenti kienu anke joħorġu qsari u pjanti fuq il-bankina b'sens ta' qima u devozzjoni lejn Ommna Marija.

Minn hawn il-purċissjoni kienet tissokta fi triqtha lejn il-Knisja billi tgħaddi minn Triq Ġuze Howard u minn Victoria Avenue(illum Triq Ġorġ Borg Olivier) u Triq il-Kbira. Lura fil-Knisja kollox kien jintemm bil-Barka Sagramentali. Iżda lura lejn l-1948, meta eżattament nhar il-31 ta' Mejju hekk kif ħarġet il-proċessjoni saret ċerimonja ħelwa fejn il-Kappillan Inguanez kien poġġa kuruna tad-deħeb imżejna b'ħaġar prezzjuż duq ras il-Madonna. Din il-kuruna kienet inħadmet mid-ditta Madiona ta' Tas-Sliema u kienet inġarret mill-President tal-Qorti l-Unur Tiegħu Sir Luigi Camilleri.

Manifestazzjoni Marjana kbira oħra seħħet nhar is-Sibt 28 ta' Mejju 1955 meta l-purċissjoni ħarġet mill-konfini Parrokkjali u fiha ħadu sehem il-parroċċi kollha ta' Tas-Sliema. Kien il-provinċjal tad-Dumnikani Fr. E. Klimeck O.P. li mexxa din il-purċissjoni u meta waslet Dingli Circus inżammet funżjoni Marjana. Il-gazzetti lokali ta' dak iż-żmien kienu ġabu li din kienet waħda mill-akbar manifestazzjonijiet Marjani li qatt saru f'pajjiżna ovvjament sa dak iż-żmien.

Din is-sena f'għeluq il-Mitt sena mid-dehriet tal-Madonna ta' Fatima nhar il-Ġimgħa 12 ta' Mejju nżammet funzjoni Marjana mill-isbaħ fil-Parroċċa tagħna bis-sehem tal-parruċċani ta' l-unità Pastorali ta' Tas-Sliema u l-Balluta.

Din il-funżjoni bdiet b'taħdita dwar il-Madonna mill-Kappillan tal-Parroċċa ta' Gwardamangia u wara saret Quddiesa Konċelebrata fejn flimkien ma' L-Arċisqof Emeritus Pawlu Cremona O.P. ħadu sehem il-kleru tal-Parroċċa, il-Kappillan ta' Gwardamangia u l-kappillani jew rappreżentant tagħhom tal-parroċċi ta' Tas-Sliema u l-Balluta, barra dawk tal-parroċċa ta' San Girgor.

B'xorti ħażina l-manifestazzjoni bix-xbieha tal-Madonna kellha titħassar minħabba x-xita u allura ngħad ir-Rużarju Mqaddes fil-Knisja flimkien ma' kant Marjan u kollox intemm bil-Barka Sagramentali. L-Għada l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ttieħdet b'mod privat fil-Knisja Parrokkjali ta' Gwardamangia fejn hemmhekk damet ġimgħa sħiħa għall-qima tal-fidili. B'hekk nistgħu ngħidu li permezz tal-Madonna seħħ ġemellaġġ bejn iż-żewġ parroċċi ddedikati lil Marija Santissima u tnejn pijunieri fit-tixrid tad-devozzjoni lejn is-Sultana tar-Rużarju Mqaddes ta' Fatima. Din is-sena wkoll ħdejn il-Bieb Prinċipali tal-Knisja tagħna ntrama stand b'ritratti storiċi li juru l-wasla ta' l-istatwa tal-Madonna ta' Fatima ġewwa l-Parroċċa tagħna.

J'Alla dan kollu jħeġġigna sabiex nibqgħu nkunu devoti ta' Marija, mhux biss billi ta' kuljum ngħidu t-talba sabiħa tar-Rużarju Mqaddes imma wkoll billi nwettqu kliem l-Omm tagħna tas-Sema meta qalet lil qaddejja fit-Tieġ ta' Kana "Għamlu dak li jgħidilkom Hu"

***Riferenzi:***


J. Bisazza – Lehen il-Parroċċa ta' Stella Maris Nr12 u Nr14
Times of Malta 7-6-1948 Sunday Times of Malta
Sunday Times 29-5-1955
Lehen is-sewwa 19-8-1978
Il-Karmelu April/Ġunju 2017
The Message of Fatima
Dawl Frangiskan Mejju 2017
L-Aħwa Dumnikani F'Malta
Annwal 2016 Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta